# MONS. PROFS. CARMELO MUSCAT MAL-MULEJ FIS-SENA SAĊERDOTALI

Kien fl-Isla, nhar it-Tlieta, 12 ta' Ottubru 1926 meta lill-koppja żagħżugħa ta' Antonio Muscat u Maria mwielda Spiteri tweldilhom l-ewwel frott ta' mħabbithom. Dan l-ewwel wild minn erba' tal-koppja Muscat ġie mgħammed l-għada, 13 ta' Ottubru fil-Bażilika tal-Isla mill-Kan. Dun Victor Gaffiero. It-tarbija ġdida ġiet mogħtija l-ismijiet ta' Carmelo, Michael, Rosarius u Victorius.



*Carmelo Muscat li qed jagħmel servizz bħala abbati (ċensier) jidher eżatt wara l-istatwa tal-Bambina waqt il-purċissjoni storika tat-8 ta' Settembru 1943.*

Carmelo għadda t-tfulija tiegħu fl-Isla u rċieva l-ewwel tagħlim fl-Iskola Primarja ta' Belt twelidu (1932 – 1938). Fl-1938, huwa għadda, bħala *scholarship student*, għal-Liċeo fejn mill-ewwel sas-sitt klassi, dejjem ġie l-ewwel. Huwa kien bin ix-xogħol u t-tbatija. Wara l-iskola kien imur jaħdem ix-Xatt u ma' tal-Linja biex ikun jista' jwieżen lill-familja. Barra minn hekk, huwa kien jaqdi s-servizz tal-artal bħala Abbati fil-Knisja Parrokkjali.

Meta kien għad kellu biss 13-il sena, u allura meta kien fit-tielet klassi (Form 3) tal-Liċeo, Carmelo Muscat ġarrab l-erperjenza kerha tal-gwerra. L-agħar esperjenza għalih żgur li kienet dak in-nhar tal-Ħamis, 16 ta' Jannar 1941. Hu stess jirrakkonta li meta rritorna d-dar bil-lanċa mill-Belt (għaliex dik il-ħabta, il-Liċeo kien f'bini qrib ħafna tal-Barrakka ta' Isfel), kiel xi ħaġa ħafifa u, bħalma kien imdorri jagħmel, tela' fuq il-bejt biex jistrieħ. Hu jkompli li "ftit qabel is-sagħtejn ta' wara nofsinnhar, daqq *air raid* ... inżilt bil-ġirja minn fuq il-bejt biex flimkien ma' ommi mmur f'xelter li kien hemm fi Triq San Pietru u San Pawl, ftit jardi bogħod minn fejn konna noqogħdu ... Qatt ma bsart li kont qed nitlaq mid-dar li fiha qatt aktar ma kelli nirfes."

F'dik il-ħabta, l-familja Muscat kienet tgħix fid-dar 285, Triq iż-Żewġ Mini kantuniera ma' Triq San Lawrenz. Waqt dak l-attakk feroċi fuq l-*HMS Illustrious*, ħut Carmelo, Mikiel u Maria, kienu jinsabu f'xelter fl-Iskola Primarja tal-Isla, imħarsa mill-għalliema tagħhom. Iżda misseru Antonio kien 'l hemm mill-gżira. Missier Carmelo kien membru pajżan tal-ekwipaġġ fuq it-tug boat *Respond* li f'Ġunju 1940 kien salpa minn Malta lejn Lixandra biex jingħaqad mal-flotta fil-Mediterran. Eventwalment, hu ġie lura Malta f'Marzu abbord l-*HMS Breconshire*.

Iżda meta Antonio ġie lura, ma ltaqax mal-familja tiegħu fl-Isla, fejn kien ħallieha, imma f'Birkirkara, fejn kienet sabet refuġju. Fil-fatt, il-familja Muscat, flimkien ma' numru ta' familji li ġew evakwati mill-Isla, ġiet mogħtija spazju żgħir f'waħda mill-klassijiet tal-Iskola Primarja ta' Birkirkara.

Fl-1944, Carmelo għamel l-eżami tal-Matrikola, ġie l-ewwel u rebaħ il-Premju. F'dik l-istess sena, huwa iffrekwenta l-*Government*

*Teachers' Training School* u mbagħad ġie maħtur surmst fl-Iskejjel Primarji sal-1945. Fl-1945, huwa daħal fis-Seminarju Arċiveskovili, l-Floriana, bi tħejjija għas-saċerdozju. Fl-istess sena, huwa daħal l-Universita Rjali ta' Malta fejn mexa 'l quddiem fil-korsijiet akkademiċi. Carmelo l-ewwel kiseb il-Baċellerat fl-Arti (B.A.) fl-1948 u wara kiseb il-Liċenzjat (Lic.D.) fl-1952. Matul is-snin tiegħu fl-Università, huwa kien membru tal-Kumitat tar-*Royal University Students Guild* u membru tal-Għaqda tal-Malti fi ħdan l-istess Università.

Fis-snin ta' wara l-gwerra, allura s-snin li fihom Carmelo kien kemm student l-Università kif ukoll Seminarista, il-membri l-oħra tal-familja Muscat kienu jgħixu bħala refuġjati f'dar fi Triq San Ġorġ, Santa Venera. Dak iż-żmien, is-Seminarista Carmelo Muscat, irqajjaq, liebes is-suttana, il-kappell u l-firjol, kien jiġi mistieden minn Patri Mikiel Camilleri O. Carm., li kien l-Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur "Santa Venera" tal-Azzjoni Kattolika, biex jagħti xi lezzjoni lit-tfal u liż-żgħażagħ. Dawn il-lezzjonijiet dwar il-Katekiżmu kienu jsiru ġo kamra ċkejkna qrib ta' dak li kien l-Uffiċċju tal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' Santa Venera. Dan kien l-ewwel kuntatt tiegħu mal-Azzjoni Kattolika, kuntatt li kellu joktor u jinfirex tul ħajtu.

Fit-3 ta' Awwissu 1952, Carmelo Muscat ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Nhar il-Ħadd, 31 ta' Awwissu 1952, huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo (San Filippu) tal-Isla li dak iż-żmiem kienet qed isservi bħala Knisja Parrokkjali. Fit-30 ta' Novembru tal-istess sena, wara li għamel eżami


Dun Karm Muscat, saċerdot żagħżugħ.


*Il-Kanonku Dun Karm Muscat (l-ewwel wieħed mix-xellug) flimkien ma' sħabu membri tal-Kapitlu Senglean nhar il-21 ta' Lulju 1960 waqt iż-żjara li l-Kardinal Luigi Traglia kien għamel fil-Parroċċa tagħna.*

fil-Kurja Arċiveskovili fejn iddistingwa ruħu b'suċċess, Dun Karm ġie maħtur Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata tal-Isla. Bejn Jannar u Settembru 1953 u bejn Frar 1959 u Settembru 1978, il-Kanonku Muscat serva bħala Segretarju ta' dan il-Kapitlu Senglean. Fil-21 ta' Awwissu 2002, huwa ġie maħtur Kanonku *ad onorem* ta' dan l-istess Kapitlu.

Sena wara li sar saċerdot, il-Kanonku Muscat mar Ruma biex ikompli l-istudji tiegħu. Bejn l-1953 u l-1955 huwa kiseb il-Liċenzjat J.C.L. mill-*Pontificia Università Gregoriana* wara li għamel korsijiet Superjuri tal-Liġi Kanonika. Fis-sena 1957, huwa kiseb il-lawrja J.U.D. mill-*Pontificia Università Lateranense* wara li temm kors ta' sentejn fil-Liġi Rumana u l-Liġi Ċivili Komparata. Fis-sentejn 1961 – 1962, il-Kanonku Muscat għamel kors finali tat-Teoloġija fil-*Pontificium Angelicum Athenaeum* f'Ruma mnejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija (S.Th.D.) wara li ppreżenta t-teżi bl-isem "Patriotism and Theology". Din it-teżi ġiet approvata *summa cum laude* u fl-1962 ġiet stampata mill-Università Rjali ta' Malta.

F'dan il-perjodu ta' studju f'Ruma, il-Kanonku Muscat għamel konoxxenza tal-Markiż Giuseppe Della Chiesa, neputi tal-Papa Benedittu XV. Fil-fatt, kien bit-tħabrik tiegħu li l-Markiż Della Chiesa, fit-30 ta' Ġunju 1957, irregala lill-Kolleġġjata tal-Isla faxxa bajda bl-istemma tal-Papa u ktieb dwar il-ħajja tal-Papa Benedittu XV. Dawn ġew ippreżentati lill-Kapitlu nhar it-28 ta' Awwissu 1957.

Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin, l-Isla bdiet terġa' tieħu l-ħajja. Il-Knisja Bażilika li sfat imġarrfa, kważi għal kollox, bil-ħidma tal-għadu, reġgħet imbniet u ġiet ikkonsagrata mill-ġdid fl-24 ta' Awwissu 1957. L-għada, 25 ta' Awwissu, l-istatwa għażiża ta' Marija Bambina sabet postha mill-ġdid fis-Santwarju tagħha. Ħafna mill-bini mġarraf kien issa tela' mill-ġdid u familji Sengleani li sabu kenn fi bliet u rħula oħra madwar Malta kienu qed jirritornaw lejn il-Belt tagħhom. Il-familja tal-Kanonku Muscat kienet waħda minn dawn il-familji u li issa bdiet tgħammar fid-dar numru 16, fi Triq il-Mina tax-Xatt.

Dan kien iż-żmien li fih, fl-Isla, kien jinħass sens kbir ta' qawmien ċiviku. Fi Frar 1954 bdew il-ħarġiet tal-gazzetta lokali *Invicta*. L-ewwel ħarġa tfakkar proprju egħluq ir-raba' ċentinarju minn mindu l-Gran Mastru Claude de la Sangle bena din il-Belt. Aktar 'l quddiem u b'inizjattiva tal-Banda Queen's Own, fl-1958 ġie ffurmat il-*Kumitat Ċiviku*. Dan kollu sar biex il-poplu jkun iżjed sensibbli u jieħu aktar interess f'dak kollu li kien meħtieġ għall-Isla. F'dan iż-żmien ta' entużjażmu, fl-1959, il-Kanonku Teologu Carmelo Muscat kiteb innu f'ġieħ il-Belt Senglea, liema innu ġie mmużikat mis-Surmast Francesco Tesoriere (1905-1979). Dan l-innu ġie esegwit għall-ewwel darba fis-6 ta' Settembru 1960 mill-Banda Queen's Own, ta' liema Banda, fit-30 ta' Jannar 1977, Muscat ġie maħtur President *ad onorem*. Fis-sena 1960, il-Kanonku Muscat kiteb Kurunella lil Marija Bambina, talba mimlija tifħir lil Marija fit-twelid tagħha.

L-għerf tal-Kanonku Carmelo Muscat kien innotat sa minn kmieni mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta. F'Jannar 1956, fl-Oratorju ta' San Ġwann, sar l-ewwel Kungress Liturġiku f'Malta u effett tiegħu kien it-twaqqif tal-Kummissjoni Liturġika. Il-Kanonku Muscat ġie maħtur membru ta' din il-Kummissjoni sa mit-twaqqif tagħha. Fis-snin ta' wara l-Konċilju Vatikan II, din il-Kummissjoni kienet impenjata fit-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tat-testi liturġiċi ġodda u ħabirket biex iġġib 'l quddiem it-tiġdid liturġiku mitlub mill-istess Konċilju.



SLIEM U QIMA

LIL

MARIJA BAMBINA

F'JUM TWELIDHA

Sliem għalik, ħelwa MADONNA,
Isellimlek il-ħolqien,
Għax Int l-isbaħ fost il-ħlejjaq,
Inti l-għaxqa ta' kull żmien.

F'dan il-jum tat-twelid tiegħek,
Int dewwaqtna l-ġmiel tal-ġenna;
Ġibt il-barka, o MARIJA,
Ismek għajn ta' l-oħla benna.

Titbissimlek f'din il-għodwa
Maż-żerniq ix-xemx ħanina;
Hekk kif tixref fuq ix-xefaq
Issellimlek, o BAMBINA.

Kollha ġmiel u lwien, miksija
Bl-aħħar ward tas-sajf il-ġonna,
F'din il-għodwa ta' Settembru,
Isellmulek, o MADONNA.

Minn ġos-sema bla ħajbura,
Wara nżul ix-xemx fl-għaxija,
Jilma l-qamar b'wiċċ tal-fidda,
Isellimlek, o MARIJA.

U madwaru qtajja, qtajja
Jiddu l-kwiekeb sbieħ, irżina;
Bit-teptipa ħelwa tagħhom
Isellmulek, o ĦANINA.

Isellmulek l-art u s-sema,
Iberkuk, tfajla setgħana;
F'dan il-jum tat-twelid tiegħek,
Jagħtuk qima ta' SULTANA.

Għax int l-isbaħ fost il-ħlejjaq,
Inti l-għaxqa ta' kull żmien,
Għalhekk tidwi, o BAMBINA,
Dit-tislima kullimkien.

Isellmulek, ĠILJU SAFI,
L-anġli kollha, tas-smewwiet;
Jistqarruk sa minn twelidek
L-akbar fost l-egħġubijiet.

Isellmulek, KEWKBET L-GĦODWA,
Il-profeti li ħabbruk;
U flimkien mal-patrijarki,
Minn qiegħ qalbhom ġieħ jagħtuk.

Isellmulek, GĦAJN TA' FARAĠ,
Id-dixxipli ta' Ġesù;
Għaliex Inti waqaft magħhom
Wara li ħalliehom Hu.

Isellmulek WARDA ĦELWA,
Il-qlub żgħażagħ li għożżew
L-Emmna Mqaddsa w b'demmhom safi
Tat-tiranni l-għatx taffew.

Isellmulek, BIEB TAL-ĠENNA,
Il-qtajjiet tal-qaddisin;
Jiżżuk ħajr talli wassalthom
Ġewwa s-saltna tal-ħenjin.

Insellmulek, OMM ĦANINA,
Aħna wliedek imsejknin;
ĦAJJA, ĦLEWWA, TAMA tagħna,
Ħenn għalina midinbin.

Ilqa' fl-aħħar it-tislima,
O TA' DAVID SUR SETGĦANI,
Illi tfawwar kollha mħabba
Minn ġol-qlub tas-Senglejani.

Nihil obstat
Melitae die 6 Augusti 1950
P. TABONE, O.F.M.
Cens. Theol.

KARM. MUSCAT.

Empire Press

*Il-poeżija "Sliem u Qima lil Marija Bambina f'Jum Twelidha" miktuba minn Dun Karm Muscat fl-1950.*

Wara li temm l-ewwel fażi tal-istudji tiegħu f'Ruma u ġie lura Malta, fl-1957, il-Kanonku Dun Karm ġie maħtur *Defensor Vinculi* fit-Tribunal taż-żwiġijiet tal-Arċidjoċesi. Din kienet kariġa ta' responsabbiltà li għaliha, skond il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku, huma meħtieġa "ħajja ta' integrità, dottorat fid-Dritt Kanoniku, prudenza u mħabba għall-ġustizzja." Fl-istess sena, Mons. Arċisqof ħatar lill-Kan. Muscat bħala eżaminatur tad-*Diritto Canonico* għas-saċerdoti novelli fl-eżamijiet li jsiru fil-Kurja Arċiveskovili. Ħames snin wara, fl-1962, ġie maħtur *Promotor Justitiae* fl-istess Tribunal.

F'dan l-istess perjodu, 1957 – 1961, il-Kanonku Muscat nħatar bħala Surmast tal-Latin fis-Seminarju Arċiveskovili u Surmast tal-Malti f'St. Edward's College. Hawn irid jingħad li

Dun Karm kellu mħabba mhux żgħira għall-Ilsien Malti. Tant hu hekk li sa minn meta kien għadu student fil-Liċeo, huwa beda jħażżeż għad ta' poeżiji bil-Malti mimlijin sentimenti reliġjużi mill-isbaħ. Aktar 'l quddiem, huwa ġabar u ppubblika dawn il-poeżiji fi ktejjeb ċkejken. U la qed insemmu l-poeżiji, irridu nżidu ngħidu li Dun Karm ma naqsx li jindirizza numru ta' poeżiji tiegħu lil Marija Bambina. Fost dawn insemmu: *Lil Marija Bambina f'Jum it-Twelid tagħha* (1945); *Tislima lil Marija Bambina f'Għeluq il-ħamsa u Għoxrin sena mill-Inkurunazzjoni tagħha* (1946); *Sliem u Qima lil Marija Bambina f'Jum Twelidha* (1950); *Fit-Tmienja ta' Settembru l-Isla ssellem lil Sidtna Marija Bambina* (1951), *Marija Reġina – Qabel Twelidha – Fi Twelidha – Wara Twelidha* (1956); *Infetħu Bibien Glorjużi biex terġgħu Tilqgħu lis-Sultana ta' Beltna* (1957) u *Il-Miġja tax-Xbieha ta' Marija Bambina fil-Belt tal-Isla* (1961).

Il-Kanonku Muscat kien ukoll kittieb prolifiku dwar is-suġġett tiegħu. F'diversi rivisti u gazzetti lokali u barranin, huwa kkontribwixxa numru mhux żgħir ta' artikli ta' natura teoloġika u pastorali, liema kitbiet kienu jirriflettu l-profondità tal-għerf li bih kien żejnu l-Mulej. F'Mejju 1962 ġie ppubblikat artiklu tiegħu fuq l-Aspett Nisrani tal-Unifikazzjoni Ewropea fir-rivista *The American Ecclesiastical Review* tal-Università Kattolika tal-Istati Uniti tal-Amerika. Kitbiet oħra tiegħu dehru fir-rivisti *The Law Journal* u *Melita Teologica*. Għal-*Leħen is-Sewwa*, huwa kien kiteb sensiela ta' artikli interessanti ferm dwar problemi morali.

Fl-1 ta' Marzu 1963, il-Kanonku Muscat inħatar Professur tat-Teoloġija Morali fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. F'dak l-istess żmien, huwa sar l-ewwel Direttur Spiritwali tal-Assoċjazzjoni tat-Tobba ta' Malta (MAM), dak iż-żmien magħrufa bħala *Medical Officers Union* kif ukoll l-ewwel konsultur tal-Morali tal-*Marriage Advisory Council* fi ħdan il-Moviment ta' Kana.

Fl-1970, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI nnomina lill-Kanonku Teologu Karm Muscat bħala *Cappellano di Sua Santità* u disa' snin wara, fl-1979, ġie maħtur Kanonku tal-Kapitlu Metropolitan li tiegħu, fl-1992, Muscat kien elett President u aktar tard, fl-2003, Dekan. Minbarra dawn iż-żewġ uffiċċji fi ħdan il-Kapitlu Metropolitan, Mons. Muscat okkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Kumitat tal-Mużew tal-KonKattidral ta' San Ġwann bejn l-1994 u l-2001 u kien ukoll membru tal-Kummissjoni Teoloġika sa mit-twaqqif tagħha fl-1988 u President tal-istess Kummissjoni minn Jannar 1995 sa Settembru 2008. Bejn l-1995 u l-1999, Mons. Muscat qeda dmirijietu bħala Segretarju tal-Konferenza Episkopali Maltija.

Mons. Muscat ma naqas qatt li jagħti s-sehem tiegħu fil-ħajja pastorali tal-Parroċċa tal-Isla. L-imħabba li huwa kellu lejn Ommna Marija Santissima dehret b'mod partikulari fiż-żmien li fih huwa kien Prokuratur tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Huwa kien juża' kull mezz possibbli biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu u kien iħeġġeġ lil bosta biex jinkitbu fil-Labtu tal-Karmnu. Fil-Quddiesa tiegħu ta' kuljum fil-Bażilika, li normalment kienet tkun dik tat-7.45 a.m., huwa ma naqas qatt li jislet xi tagħlima mill-Liturġija tal-Kelma jew xi eżempju prattiku mill-kommemorazzjoni tal-ġurnata li tkun. Dejjem kien ikun ippreparat u pront biex jgħallem u biex iwassal it-tagħlim Nisrani. Dan jgħodd ukoll għal-laqgħat li kien jagħmel kull nhar ta' Tlieta filgħodu lill-membri tal-Fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika u kull nhar ta' Tnejn filgħaxija lill-membri tal-Fergħa Rġiel tal-Azzjoni Kattolika li tagħhom huwa kien Assistent Ekkleżjastiku. Bosta huma dawk


*Mons. Carmelo Muscat*



*Mons. Muscat jagħmel id-diskors kommemorattiv waqt Akkademja li saret fil-Bażilika nhar is-26 t'Awwissu 1986 fl-okkażjoni tal-200 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata Senglejana.*

li għadhom jiftakru l-laqgħat "tal-Profs." mimlijin kunċetti profondi u l-kapaċità li biha kien jittrattahom.

Lil Mons. Muscat kont issibu dejjem lest biex jagħti taħdidiet, imexxi konferenzi u jagħmel dikosri. Fost l-oħrajn, fis-26 ta' Awwissu 1957, huwa għamel diskors bit-tema "Il-Madonna fil-Poeżija" waqt Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-Inawgurazzjoni tal-Orgni l-ġdid tal-Bażilika; fit-8 ta' Settembru 1981, meta l-Parroċċa kienet qed tfakkar l-400 sena mit-twaqqif tagħha, huwa niseġ il-Paniġierku waqt il-Quddiesa tal-Festa; fl-4 ta' Settembru 1984, huwa għamel id-Diskors ta' Tifkira fit-63 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Istatwa ta' Marija Bambina u fis-26 ta' Awwissu 1986, waqt Akkademja Mużiko-Storika f'egħluq il-200 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata għamel diskors bit-tema "Mitejn Sena – ħarsa Lura u 'l Quddiem".

Monsinjur Carmelo Muscat, għadda l-aħħar ħames snin ta' ħajtu rikoverat f'Dar Sant' Anna fl-Isla sakemm il-Mulej għoġbu jsejjaħlu, nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2009, biex jingħaqad miegħu fil-Liturġija tas-Sema. Hekk kif sab ruħu quddiem il-Mulej, nimmaġina li Dun Karm għamel tiegħu l-kelmiet li Missierna San Pawl qal lil Timotju: "Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi." Ħarsa ħafifa lejn dak kollu li għamel u li għadda minnu Dun Karm tul it-83 sena ta' ħajja, ma tħalli l-ebda dubju li hu għex dawn il-kelmiet fil-veru sens tal-kelma. Dan kollu iqawwilna l-fidi u t-tama tagħna li Monsinjur Muscat issa jinsab fi ħdan il-Mulej igawdi l-premju li jistħoqqlu għall-ħidma kbira li wettaq għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-erwieħ, speċjalment fit-tħejjija u t-tisħiħ ta' tant vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi.

Monsinjur Carmelo Muscat ingħata l-aħħar tislima nhar is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2009 waqt quddiesa ċċelebrata minn Mons. Anton Gouder, Pro Vigarju ġenerali tal-Arċidjoċesi, fil-Bażilika tal-Isla. Fi tmiem il-quddiesa, Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta, mexxa t-Tislima tal-Aħħar. Il-katavru ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar E.AA.C. 4 fejn jinsabu midfuna wkoll il-ġenituri tiegħu.

*Fabian Mangion*

*Referenzi:*

Acta Capitularia, Senglea.
Liber Baptizzatorum Paroecia Senglea, Vol. XX, fol. 63.
Minuti, Queen's Own Band Club, Senglea 1969-1977.
Bonnici, A.: *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa tal-Isla, 1991.
Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali*, Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1960.
Muscat, C., "January 16, 1941: I was there", *The Sunday Times*, 13.1.1991, pp 27-28.
Saliba, P., "Monsinjur Professur Karm Muscat", f'*Leħen is-Sewwa*, 26 ta' Diċembru 2009, p. 11.
Schiavone, M. J., *Dicionary of Maltese Biographies*, Vol. II, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2009.